KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 7 ta' Settembru 2012 (13.09)
(OR. en)

13093/1/12
REV 1

PUBLIC 49

**NOTA**

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL ĠUNJU 2012

Dan id-dokument jikkonsisti minn dan li ġej:

– L-ANNESS I li fih lista ta' atti adottati mill-Kunsill f'Ġunju 2012[1 2] .

– L-ANNESS II li fih aktar dettalji dwar l-adozzjoni ta' dawn l-atti. Il-PARTI I tipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni tal-atti leġislattivi, bħad-data tal-adozzjoni, is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill, in-numru tad-dokument adottat, u fejn ikun adatt, ir-regoli applikabbli tal-votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni, l-ispjegazzjonijiet dwar il-votazzjoni u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill. Il-PARTI II tipprovdi informazzjoni li l-Kunsill ikun iddeċieda li jagħmel pubblika dwar l-adozzjoni ta' atti oħrajn.

[1] Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

[2] Fil-każ tal-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill fejn jiġi adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu li jkunu ġew adottati biss wara l-iffirmar kemm mill-President tal-Kunsill u l-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll permezz tal-Internet fuq:
http://consilium.europa.eu/documents/legislative-transparency/monthly-summaries-of-council-acts
Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill fuq: http://consilium.europa.eu/documents/access-to-council-documents-public-register

Għandu jkun innotat li huma biss il-minuti dwar l-adozzjoni definittiva ta' atti leġislattivi li huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli permezz tal-Internet fuq:
http://consilium.europa.eu/documents/legislative-transparency/council-minutes

# LISTA TAL-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'ĠUNJU 2012

**It-3171 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI u ENERĠIJA), li saret fil-Lussemburgu fis-7 u t-8 ta' Ġunju 2012**

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Unjoni Postali Universali (UPU)
9341/12

Deċiżjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova
8181/12

Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni, tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Gvern tal-Afrika t'Isfel għall-kooperazzjoni fl-użi paċifiċi tal-enerġija nukleari
9729/12 + COR 1

**It-3172 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA u AFFARIJIET INTERNI), li saret fil-Lussemburgu fis-7 u t-8 ta' Ġunju 2012**

Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) Test b'rilevanza għaż-ŻEE
ĠU L 197, 24.7.2012, p. 38–71

Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni
ĠU L 201, 27.7.2012, p. 107–134

Regolament (UE) Nru 530/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar l-introduzzjoni aċċellerata ta' rekwiżiti ta' buq doppju jew ta' disinn ekwivalenti għal tankers taż-żejt b'buq wieħed
ĠU L 172, 30.6.2012, p. 3–9

2012/299/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2012 dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dwar DNA fl-Estonja
ĠU L 151, 12.6.2012, p. 31–31

Konklużjonijiet tal-Kunsill rigward aktar titjib fl-iskambju transkonfinali effiċjenti tal-informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi
Informazzjoni
10333/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-għaxar Rapport Annwali tal-Eurojust
10360/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità
10603/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istrateġija l-ġdida tal-UE dwar id-drogi
10231/12 REV 1

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Ministri AKP-UE dwar l-istatus tar-Repubblika tas-Sudan t'Isfel relattivament għall-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra
10389/12

2012/311/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2012 dwar il-pożizzjoni li għandha tieħu l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat tal-Għajnuna Alimentari fir-rigward tal-estensjoni tal-Konvenzjoni tal-Għajnuna Alimentari tal-1999
ĠU L 158, 19.6.2012, p. 1–1

2012/305/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2012 dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 2000 dwar Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Protokoll tal-2001 miegħu
ĠU L 153, 14.6.2012, p. 1–2

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2011/020 ES/Comunidad Valenciana footwear minn Spanja)
Proposta għal trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC10/2012 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2012
9918/12

2012/297/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2012 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Anness XXI (Statistika) għall-Ftehim dwar iż-ŻEE
ĠU L 151, 12.6.2012, p. 1–2

2012/425/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward ta' emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet
ĠU L 198, 25.7.2012, p. 1–3

2012/319/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2012 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Protokoll 31 (dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet) u l-Protokoll 37 (li fih il-lista stabbilita fl-Artikolu 101) għall-Ftehim ŻEE
ĠU L 164, 23.6.2012, p. 2–4

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Alleanza Globali kontra l-Abbuż Sesswali Online tat-Tfal
10607/12 + COR 1

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar użu akbar u aktar effettiv tas-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol (EIS) fil-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali
10600/12

**It-3173 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT) li saret fil-Lussemburgu fil-11 ta' Ġunju**

Regolament (UE) Nru 500/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 dwar pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran
ĠU L 157, 16.6.2012, p. 1–12

Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 għall-baġit ġenerali għall-2012 - Dikjarazzjoni ġenerali ta' dħul
10202/12

Konklużjoni tal-Kunsill dwar Ġestjoni Internazzjonali tas-Sustanzi Kimiċi
10765/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Iffissar tal-qafas għas-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-UE
11186/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Diversità Bijoloġika u Bijosigurtà
11189/12

**It-3174 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA u SAJD) li saret fil-Lussemburgu fit-12 ta' Ġunju 2012**

2012/306/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2012 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Możambik
ĠU L 153, 14.6.2012, p. 3–3

**It-3175 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI u ENERĠIJA) li saret fil-Lussemburgu fil-15 ta' Ġunju 2012**

Proposta għal trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC13/2012 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2012
10862/12

**It-3176 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA u SAJD) li saret fil-Lussemburgu fit-18 ta' Ġunju 2012**

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni "Produttività u Sostenibbiltà Agrikola"
10833/12

Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2012 li taħtar nofs il-membri tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u li temenda d-Deċiżjoni tal-24 ta' Ġunju 2010
ĠU C 192, 30.6.2012, p. 1–2

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 566/2012 tat-18 Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 975/98 dwar denominazzjonjiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni
ĠU L 169, 29.6.2012, p. 8–10

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Protezzjoni u l-Benessri tal-Annimali
10478/12 ADD 1

**It-3177 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA u AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR) li saret fil-Lussemburgu fil-21 u t-22 ta' Ġunju 2012**

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 551/2012 tal-21 ta' Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 7/2010 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali
ĠU L 166, 27.6.2012, p. 3–6

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 552/2012 tal-21 ta' Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1344/2011 li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli, tas-sajd u industrijali
ĠU L 166, 27.6.2012, p. 7–17

2012/408/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (FEG/2012/000 TA 2012 – Għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni)
ĠU L 192, 20.7.2012, p. 11–11

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 541/2012 tal-21 ta' Ġunju 2012 li jtemm ir-reviżjoni interim tal-miżuri antidumping għall-importazzjonijiet tal-furfuraldeid li joriġinaw fir-Repubbblika Popolari taċ-Ċina u li jirrevoka dawk il-miżuri
ĠU L 165, 26.6.2012, p. 4–11

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 954/2006 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw fil-Kroazja, ir-Rumanija, ir-Russja u l-Ukraina
10307/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill – Nirrispondu għall-Isfidi Demografiċi permezz ta' parteċipazzjoni msaħħa fis-suq tax-xogħol u s-soċjetà minn kulħadd
10489/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar L-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ambjent: teħid ta' deċiżjonijiet, kwalifiki u kompetittività mtejba fil-qasam tal-politika dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima fl-UE
8876/12 + REV 2 (hu)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-impatt tar-reżistenza antimikrobika fis-settur tas-saħħa tal-bniedem u fis-settur veterinarju - perspettiva ta' "Saħħa Waħda"
10347/12 + REV 1 (nl) + COR 1

**It-3178 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI u FINANZJARJI) li saret fil-Lussemburgu fit-22 ta' Ġunju 2012**

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi)
10905/12 + COR 1 (fi)

2012/375/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2012 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda
ĠU L 182, 13.7.2012, p. 37–38

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Suq Uniku għas-servizzi
11224/12

2012/353/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2012 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ tal-viżi
ĠU L 174, 4.7.2012, p. 4–4

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tieħu l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli stabbilit bil-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-operat tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili u t-twaqqif tal-Bord ta' Esperti li jeżamina l-kwistjonijiet fl-oqsma li jaqgħu fl-ambitu tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli
9656/12

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 dwar l-implimentazzjoni tal-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro
ĠU C 219, 24.7.2012, p. 95–97

2012/369/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2012 li tirrevoka d-Deċiżjoni 2010/285/UE dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fil-Ġermanja
ĠU L 179, 11.7.2012, p. 17–18

2012/370/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2012 li tirrevoka d-Deċiżjoni 2010/422/UE dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fil-Bulgarija
ĠU L 179, 11.7.2012, p. 19–20

2012/323/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2012 li tneħħi s-sospensjoni ta' impenji mill-Fond tal-Koeżjoni għall-Ungerija
ĠU L 165, 26.6.2012, p. 46–47

**It-3179 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN) li saret fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2012**

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Asja Ċentrali
11857/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pakkett tal-PEV
11845/12

Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex jinnegozjaw, f'isem l-Unjoni Ewropea, id-dispożizzjonijiet ta' Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra, li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni Ewropea
10812/12

Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tinnegozja, f'isem l-Istati Membri, id-dispożizzjonijiet ta' Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra, li jaqgħu fil-kompetenzi tal-Istati Membri
10814/12

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Parti IV tiegħu dwar kwistjonijiet kummerċjali
16374/11 + COR 1 (it)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (TKA)
11816/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sirja
11800/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Eġittu
11798/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pakistan
11719/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bosnja-Ħerzegovina
11843/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija
11417/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-RDK
11795/12

**It-3180 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI) li saret fil-Lussemburgu fis-26 ta' Ġunju 2012**

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi (Riformulazzjoni) [L-ewwel qari]
PE-CONS 12/2/12 REV 2

Regolament (UE) Nru 651/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ħruġ tal-muniti tal-euro
ĠU L 201, 27.7.2012, p. 135–137

Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi [L-ewwel qari]
PE-CONS 22/1/12 REV 1

Deċiżjoni Nru 602/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar emendi għall-Ftehim li jistabbilixxi l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (il-BERŻ) li jwessgħu l-ambitu ġeografiku tal-operazzjonijiet tal-BERŻ għar-reġjun tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran
ĠU L 177, 7.7.2012, p. 1–4

Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li temenda l-istatus tal-Majott fir-rigward tal-Unjoni Ewropea
10998/12

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Turkija dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni
10676/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport tal-2011 mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE
10935/12 + COR 1

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 558/2012 tas-26 ta' Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 102/2012 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw, inter alia, mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina kif estiż għal importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar mibgħutin ikkonsenjati, inter alia, mir-Repubblika tal-Korea, sew jekk iddikjarati bħala li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea sew jekk le
ĠU L 168, 28.6.2012, p. 3–5

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 567/2012 tas-26 ta' Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 917/2011 li jimponi dazju antidumping definittiv u biex jingabar definittivament id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, billi jżid kumpanija mal-lista ta' produtturi mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina elenkati fl-Anness I
ĠU L 169, 29.6.2012, p. 11–12

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 559/2012 tas-26 ta' Ġunju 2012 li jtemm ir-reviżjoni interim parzjali li tikkonċerna l-miżuri kompensatorji dwar l-importazzjonijiet ta' ċertu tereftalat tal-polietilen (PET) li joriġina, inter alia, mill-Indja
ĠU L 168, 28.6.2012, p. 6–13

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 560/2012 tas-26 ta' Ġunju 2012 li jtemm ir-reviżjoni interim parzjali dwar il-miżuri antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu polietilentereftalat (PET) li joriġina mill-Indja
ĠU L 168, 28.6.2012, p. 14–16

Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 585/2012 tas-26 ta' Ġunju 2012 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta’ ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Russja u l-Ukraina, wara reviżjoni ta’ skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, u li jtemm il-proċediment ta’ reviżjoni ta’ skadenza dwar l-importazzjonijiet ta’ ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mill-Kroazja
ĠU L 174, 4.7.2012, p. 5–20

Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 626/2012 tas-26 ta’ Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 349/2012 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu tartariku li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina
ĠU L 182, 13.7.2012, p. 1–5

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tlestija tar-reviżjoni tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku
10054/12 + COR 1 (de) + ADD 1 + ADD 1 COR 1 + ADD 2

Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 577/2012 tas-26 ta’ Ġunju 2012 li jaġġusta l-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għar-remunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea
ĠU L 171, 30.6.2012, p. 1–1

2012/430/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2012 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f’isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt EU-EFTA dwar l-adozzjoni ta’ Deċiżjoni li temenda l-Konvenzjoni tal-20 ta’ Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta’ transitu
ĠU L 199, 26.7.2012, p. 6–14

2012/431/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2012 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f’isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt tal-EU-EFTA dwar l-adozzjoni ta’ Deċiżjoni li temenda l-Konvenzjoni tal-20 ta’ Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta’ transitu
ĠU L 199, 26.7.2012, p. 15–23

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Montenegro
11900/12

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>ĠUNJU 2012 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **It-3172 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA u AFFARIJIET INTERNI), li saret fil-Lussemburgu fis-7 u t-8 ta' Ġunju 2012** | | | |
| Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) Test b'rilevanza għaż-ŻEE | PE-CONS 2/2/12 REV 2 | maġġoranza kkwalifikata | l-Istati Membri kollha favur, minbarra astensjoni: AT |

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-Disinn tal-Prodott (Artikolu 4 tal-WEEE)**
Il-miżuri għall-ekodisinn jistgħu jgħinu biex jiffaċilitaw l-ilħuq tal-miri tad-Direttiva dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku b'konformità mal-Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi (COM(2011)571). Il-Kummissjoni, jekk u meta tintroduċi miżuri ta' implimentazzjoni ġodda dwar prodotti koperti wkoll mid-Direttiva WEEE, adottati skont id-Direttiva 2009/125/KE, jew tkun qed tirrevedihom, ser tqis il-parametri għall-użu mill-ġdid jew ir-riċiklaġġ kif stipulat fl-Anness 1, il-parti 1 tad-Direttiva 2009/125/KE, u ser tivvaluta l-fattibbiltà tal-introduzzjoni ta' rekwiżiti dwar l-użu mill-ġdid, iż-żarmar faċli u r-reċiklaġġ ta' prodotti bħal dawn.

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar derogi speċifiċi mill-miri tal-ġbir (Artikolu 7 tal-WEEE)**
Id-Direttiva WEEE il-ġdida fl-Artikolu 7(4) toħloq il-possibbiltà għal arranġamenti tranżizzjonali sabiex jindirizzaw diffikultajiet li jiffaċċja Stat Membru sabiex jilħaq il-miri tal-ġbir skont dak l-Artikolu, bħala riżultat ta' ċirkustanzi speċifiċi. Il-Kummissjoni tisħaq li miri għoljin ta' ġbir għad-WEEE huma importanti għal Ewropa b'użu effiċjenti tar-riżorsi, u li l-arranġamenti tranżizzjonali jistgħu jiġu applikati biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali. Id-diffikultajiet iffaċċjati u ċ-ċirkustanzi speċifiċi li fuqhom huma bbażati għandhom ikunu oġġettivi, dokumentati sew u jistgħu jiġu vverifikati.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI ĠUNJU 2012 | | | |
|---|---|---|---|
| TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV | TESTI ADOTTATI | REGOLA TAL-VOTAZZJONI | VOTI |

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar in-nanomaterjali (Artikolu 8 u Anness VII)**
Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu li jistiednu lill-Kummissjoni tagħmel evalwazzjoni dwar jekk trattament speċifiku jistax ikun bżonnjuż biex jindirizza nanomaterjali li jinsabu f'tagħmir elettriku u elettroniku. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tqis nanomaterjali bħala dawk li jaqgħu taħt id-definizzjoni stipulata fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 696/2011. Ir-riskji potenzjali li jista' jkollhom dawn in-nanomaterjali għandhom jiġu identifikati flimkien mal-għodod disponibbli taħt il-leġiżlazzjoni xierqa għal dan il-għan. Meta jintwera li nanomaterjali speċifiċi jkollhom riskji għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, il-Kummissjoni ser tivvaluta jekk ikunx meħtieġ li tapplika trattament speċifiku u temenda l-Anness VII kif xieraq.

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-użu ta' atti ta' implimentazzjoni (Artikoli 7(5) u 23(4) tal-WEEE)**
Il-Kummissjoni tikkunsidra li s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni bl-Artikoli 7(5) u 23(4) għandhom ikunu setgħat delegati, sabiex jirriflettu kif suppost in-natura tas-setgħat mogħtija, skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE. Madankollu, fi spirtu ta' kompromess, il-Kummissjoni mhux se topponi vot ta' maġġoranza kwalifikata favur it-test tal-Presidenza. Minkejja dan, dwar din il-kwistjoni speċifika, il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt tagħha li tiddisponi mir-remedji legali provduti mit-Trattat bil-għan li tikseb kjarifika mill-Qorti dwar il-kwistjoni ta' delimitazzjoni bejn l-Artikoli 290 u 291.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-proċedura ta' adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni**
Il-Kummissjoni ssostni li huwa kontra l-kliem u t-tifsira tar-Regolament 182/2011 (ĠU L 55 tat-28.2.2011, p. 13) li tinvoka l-Artikolu 5 § 4, is-subparagrafu 2, il-punt (b) b'mod sistematiku. Ir-rikors għal din id-dispożizzjoni għandu jittieħed f'każ ta' ħtieġa speċifika li wieħed jiddevja mir-regola ta' prinċipju li hija li l-Kummissjoni tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata l-ebda opinjoni. Meta wieħed iqis li din hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita bl-Artikolu 5 § 4, ir-rikors għas-subparagrafu 2, il-punt (b) ma jistax jidher sempliċiment bħala "setgħa diskrezzjonali" tal-Leġiżlatur, iżda għandu jiġi interpretat b'mod ristrett u għaldaqstant għandu jiġi ġustifikat.

| TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV | TESTI ADOTTATI | REGOLA TAL-VOTAZZJONI | VOTI |
|---|---|---|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Awstrija**<br>L-Awstrija tixtieq ittenni r-riżerva tagħha kontra l-possibbiltà kif imniżżla fl-Art. 17(1) li tippermetti produttur barrani li jaħtar persuna bħala rappreżentant awtorizzat. Din tipperikola l-finanzjament adatt tal-ġbir u r-riċiklaġġ tal-WEEE.<br>Minħabba din ir-raġuni l-Awstrija, meta timplimenta d-Direttiva WEEE, ser tistipula l-istess rekwiżiti għal tali rappreżentant awtorizzat, rigward garanziji finanzjarji u responsabbiltà kriminali, bħal tal-produttur. Konsegwenza ta' hekk, jekk ikun il-każ, il-produttur nazzjonali, kif definit fl-Art. 3(1) (f) (ii) u (iii), ikun jeħtieġ jassumi r-responsabbiltà għat-twettiq tal-obbligi tal-produttur.<br>Barra minn hekk, l-Awstrija tiġbed l-attenzjoni għal sitwazzjoni fejn żewġ persuni differenti ser ikunu responsabbli għall-istrumenti tal-elettriku li fihom il-batteriji: minn naħa waħda, skont id-Direttiva dwar il-Batteriji, l-importatur tal-batterija, u min-naħa l-oħra, skont id-Direttiva WEEE, potenzjalment rappreżentant legali ta' produttur minn stat Membru ieħor.<br>L-Awstrija hi kkonċernata fir-rigward taż-żieda mistennija tal-piż amministrattiv pereżempju relatat mal-kategorija 6 tal-WEEE kif prevista fl-Annessi III u IV.<br><br>**Dikjarazzjoni minn Malta**<br>Malta temmen li t-test kif imniżżel fl-Artikolu 17(1) mhuwiex konsistenti mal-kunċett ta' rappreżentant awtorizzat minħabba li jitlob lill-Istati Membri sabiex jippermettu l-ħatra ta' rappreżentant awtorizzat anke fil-każ fejn produttur huwa diġà stabbilit fl-istess Stat Membru fejn qed jiġi maħtur it-tali rappreżentant. Għalhekk, Malta ma taqbilx mal-ħatra ta' rappreżentant awtorizzat fil-każ ta' produtturi kif definiti fl-Artikolu 3(1)(f)(i) sa (iii), minħabba li dawn huma diġà stabbiliti fl-Istat Membru li lilu qed ibiegħu, u għalhekk, m'hemmx bżonn ta' rappreżentant awtorizzat sabiex ikun responsabbli għat-twettiq tal-obbligi tagħhom skont din id-Direttiva. | | | |
| Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni | PE-CONS 14/1/12 REV 1 | maġġoranza kkwalifikata | l-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>kontra: MT |

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI**
**ĠUNJU 2012**

| TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV | TESTI ADOTTATI | REGOLA TAL-VOTAZZJONI | VOTI |
|---|---|---|---|
| **Dikjarazzjoni minn Malta**<br>Malta jiddispjaċiha li l-abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet u ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u l-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, ma jqisx it-tħassib ta' Malta.<br>Matul in-negozjati, Malta għamlitha ċara ħafna li dan ir-Regolament ser ikollu effetti estensivi fuq l-elementi fundamentali tar-reġim legali ta' Malta li jirregola s-suċċessjoni, b'mod partikolari rigward ir-regoli dwar il-liġi applikabbli u l-adozzjoni ta' regola unika biex tirregola l-patrimonju kollu tad-deċedut mingħajr ebda distinzjoni bejn il-proprjetà mobbli u immobbli. L-approċċ ta' liġi komuni li jinsab fil-qalba tal-liġi tas-suċċessjoni ta' Malta dejjem serva biex jindika b'mod ċar u ċert ir-reġim legali li għandu jiġi applikat f'materja ta' wirt.<br>Il-liġi applikabbli għall-validità formali tad-dispożizzjonijiet causa mortis ser tikkomplika l-affarijiet b'mod irrimedjabbli għall-professjonisti kif ukoll iċ-ċittadini Maltin minħabba li din ser iddaħħal tipi ġodda ta' testmenti bħat-testmenti olografiċi li ma jiggarantixxux ċertezza u formalità legali. Bl-istess mod, ir-regoli l-ġodda dwar l-amministrazzjoni tal-patrimonju li ser jiġu adottati taħt ir-Regolament kif ukoll id-dispożizzjonijiet dwar ftehimiet rigward is-suċċessjoni, ser joħolqu inċertezza fil-qafas tal-liġi Maltija.<br>Fl-isfond ta' dan ta' hawn fuq, Malta qed tivvota kontra l-adozzjoni tal-abbozz ta' Regolament. | | | |
| Regolament (KE) Nru 530/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 13 ta' Ġunju 2012 dwar l-introduzzjoni aċċellerata ta' rekwiżiti ta' buq doppju jew ta' disinn ekwivalenti għal tankers taż-żejt b'buq wieħed | PE-CONS 18/1/12 REV 1 | maġġoranza kkwalifikata | l-Istati Membri kollha favur |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>ĠUNJU 2012 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **It-3173 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT) li saret fil-Lussemburgu fil-11 ta' Ġunju** | | | |
| Regolament (UE) Nru 500/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 dwar pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran | PE-CONS 16/12 | maġġoranza kkwalifikata | l-Istati Membri kollha favur |
| Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 għall-baġit ġenerali għall-2012 - Dikjarazzjoni ġenerali ta' dħul | 10202/12 | maġġoranza kkwalifikata | l-Istati Membri kollha favur |
| **It-3180 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI) li saret fil-Lussemburgu fis-26 ta' Ġunju 2012** | | | |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi (Riformulazzjoni) [L-ewwel qari] | PE-CONS 12/2/12 REV 2 | maġġoranza kkwalifikata | l-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>astensjoni: IE |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>ĠUNJU 2012 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea**<br>Il-Kummissjoni tosserva li t-titlu tal-Artikolu 5 jirreferi għall-"Parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-Konvenzjoni", filwaqt li l-paragrafu 1 jitkellem b'mod aktar ġenerali dwar "parteċipazzjoni fil-Konvenzjoni" li għandha tkun "responsabbiltà konġunta tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri". Hija tfakkar li l-Kummissjoni tirrappreżenta lill-Unjoni taħt l-Artikolu 17 (1) TUE f'oqsma li ma jaqgħux taħt il-politika estera u ta' sigurtà komuni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkunsidra li r-"responsabbiltà konġunta tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri" msemmija fl-Artikolu 5 (1) ma tirreferix għar-rappreżentanza tal-Unjoni, kif possibbilment jista' jkun derivat mit-titlu. Iżda aħjar, l-Artikolu 5 (1) għandu jiġi interpretat fid-dawl tad-diviżjoni ta' kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri stabbilita mit-Trattati.<br><br>**Dikjarazzjoni mill-Irlanda**<br>L-Irlanda tikkunsidra li d-dispożizzjonijiet tar-rinunzja għall-esportazzjonijiet fl-Artikolu 14.7 ma rnexxilhomx joħolqu l-bilanċ meħtieġ bejn l-ambjent u s-saħħa minn naħa waħda, u l-kompetittività u l-kummerċ mill-oħra. Din kienet kwistjoni importanti identifikata minn diversi partijiet f'konsultazzjonijiet preċedenti bħala li teħtieġ attenzjoni fin-negozjati dwar ir-riformulazzjoni. L-Irlanda tħoss li dawn id-dispożizzjonijiet kif issa proposti għall-adozzjoni ser ikomplu jkollhom l-effett li jipprevjenu lill-produtturi tal-UE milli jesportaw sustanzi kimiċi speċifiċi tal-Anness 1, Parti 2 lil pajjiżi terzi għal applikazzjonijiet limitati speċifiċi waqt li l-użu tal-istess sustanzi kimiċi għall-istess għan huwa xorta permess fl-UE. Il-konsegwenza probabbli ta' din ir-restrizzjoni hi li l-provvista ta' sustanzi kimiċi rilevanti lil pajjiżi terzi ser tkun provduta minflok minn produtturi mhux tal-UE, b'konsegwenzi negattivi għal produtturi tal-UE u, potenzjalment, għall-impjiegi fi żmien meta jipprevalu ċirkustanzi ekonomiċi partikolarment diffiċli fl-UE.<br>L-Irlanda jiddispjaċiha li ma ġietx adottata soluzzjoni alternattiva aktar bilanċata fit-test finali li setgħat xorta żżomm l-ambizzjoni ambjentali tar-Regolament mingħajr ma jiddgħajfu l-għanijiet u l-objettivi tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam. | | | |
| Regolament (UE) Nru 651/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta’ Lulju 2012 dwar il-ħruġ tal-muniti tal-euro | PE-CONS 23/2/12 + REV 2 | maġġoranza kkwalifikata | l-Istati Membri kollha favur |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI ĠUNJU 2012 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi [L-ewwel qari] | PE-CONS 22/2/12 REV 2 | maġġoranza kkwalifikata | l-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni**

DIKJARAZZJONI DWAR IL-KATEGORIJA Tossika Akuta, IL-Kategorija 3, ESPONIMENT MILL-ĠILDA (SEVESO - PartI 1 of TAL-ANNESS I)

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-kompromess li ntlaħaq dwar il-proposta jirrappreżenta titjib fil-livell ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-bniedem u tal-ambjent fuq dak ipprovdut bid-Direttiva Seveso II 96/82/KE.

Il-Kummissjoni biħsiebha tkompli l-analiżi tagħha dwar il-probabbiltà, ir-riskji u l-konsegwenzi potenzjali ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikolużi kklassifikati bħala kategorija tossika akuta 3, esponiment mill-ġilda. Skont ir-riżultati tal-analiżi tagħha, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta leġislattiva biex tinkludi din il-kategorija fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

**Dikjarazzjoni mill-Ġermanja**

Il-Ġermanja tikkunsidra li l-punt (b) tal-Artikolu 23 tat-test ta' kompromess tad-Direttiva Seveso III fih dispożizzjoni li tmur lil hinn minn dak li hu meħtieġ. L-aċċess għall-ġustizzja mfittex seta' jinkiseb ukoll bit-test ta' kompromess għall-Artikolu 23 propost mill-Ġermanja. Il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2011/92/EU kienet għalhekk tibqa' limitata għal dawk il-każijiet taħt l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva Seveso III li jaqgħu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2011/92/UE jew id-Direttiva 2010/75/UE. L-alternattivi proċedurali skont l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni Aarhus kienu jkunu miftuħa għall-każijiet l-oħra skont l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva Seveso III, u b'hekk jinżamm l-istatus quo.

Ir-rekwiżit skont il-punt(b) tal-Artikolu 23 tad-Direttiva Seveso III jirrikjedi bidliet sostanzjali għal-liġijiet attwalment fis-seħħ fil-Ġermanja u għalhekk jagħti lok għal dubji serji. L-inklużjoni tas-sustanzi kollha perikolużi fil-kategorija tossika akuta 3 (inalazzjoni) fit-Taqsima H2, Parti 1 tal-Anness I tad-Direttiva tibqa' wkoll tqajjem dubji serji.

Madankollu, il-Ġermanja hija konxja li t-test ta' kompromess attwali fih titjib notevoli għall-proposta oriġinali tal-Kummissjoni f'ħafna aspetti oħrajn.

Il-Ġermanja hija għalhekk lesta li twarrab id-dubji tagħha dwar l-Artikolu 23 u t-Taqsima H2, Parti 1 tal-Anness I sabiex jintlaħaq ftehim rapidu fl-ewwel qari.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>ĠUNJU 2012 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni mir-Renju Unit**<br>Ir-Renju Unit jagħti importanza lill-iskrutinju Parlamentari effettiv tal-leġislazzjoni proposta kollha tal-UE u li għandu jkun hemm żmien suffiċjenti għal dan il-fini. B'eċċezzjoni, ir-Renju Unit huwa kuntent li jappoġġa l-adozzjoni tad-Direttiva Seveso III, minkejja l-fatt li l-proċessi ta' skrutinju tagħna dwar din il-miżura ma tlestewx. | | | |
| Deċiżjoni Nru 602/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar emendi għall-Ftehim li jistabbilixxi l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (il-BERŻ) li jwessgħu l-ambitu ġeografiku tal-operazzjonijiet tal-BERŻ għar-reġjun tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran | PE-CONS 24/1/12 REV 1 | maġġoranza kkwalifikata | l-Istati Membri kollha favur |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>ĠUNJU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| **It-3171 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija), li saret fil-Lussemburgu fis-7 u t-8 ta' Ġunju 2012**<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Unjoni Postali Universali (UPU)<br>9341/12<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova<br>8181/12 | |
| **Dikjarazzjoni mill-Finlandja**<br>Il-Finlandja tiddikjara li hija ma tistax tapplika dan il-Ftehim b'mod proviżorju skont l-Artikolu 3 ħlief mid-data li fiha hija tkun tat in-notifika rispettiva tagħha dwar it-tlestija tal-proċeduri interni tagħha meħtieġa għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.<br><br>**Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka**<br>Ir-Repubblika Ċeka tiddikjara li ma tistax tapplika b'mod proviżorju l-"Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova" skont l-Artikolu 29(2) ħlief sa fejn hu permissibbli mil-liġijiet fis-seħħ fit-territorju tar-Repubblika Ċeka. | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>ĠUNJU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| **Dikjarazzjoni mill-Portugall**<br>Għall-finijiet tal-Arikolu 29(2), il-Portugall hawnhekk jiddikjara li huwa mhux ser japplika l-ftehim b'mod proviżorju ħlief wara li d-depożitarju jkun ġie notifikat bit-tlestija tal-proċeduri interni meħtieġa għad-dħul fis-seħħ.<br><br>**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Skont l-Artikolu 218 (5) TFUE, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' ftehim dwar l-avjazzjoni mal-Moldova.<br>Il-Kummissjoni tieħu nota tad-deċiżjoni unanima tal-Kunsill li jadotta att "ibridu" li jikkonsisti fl-istess waqt minn deċiżjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill.<br>Il-Kummissjoni hi tal-fehma li dan l-att "ibridu" jikser it-Trattati fis-sens li, fost raġunijiet oħra, jgħawweġ il-proċedura u r-regoli tal-votazzjoni mniżżlin fl-Artikolu 218 (5) TFUE u (8) l-ewwel subparagrafu TFUE.<br>Il-Kummissjoni tinnota wkoll li taħt l-Artikolu 218 (9) TFUE l-Istati Membri m'għandhom l-ebda kompetenza fl-istabbiliment tal-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'korp stabbilit permezz ta' ftehim meta dak l-istess korp hu msejjaħ sabiex jadotta atti b'effetti legali, irrispettivament min-natura tal-kompetenza kkonċernata tal-Unjoni.<br>Taħt dawn iċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-proċedura għall-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-UE fil-Kumitat Konġunt stabbilit taħt l-Artikolu 22 tal-Ftehim imur kontra t-Trattati.<br>Il-Kummissjoni tfakkar fl-applikazzjoni tagħha fil-Kawża C-28/12 Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill li għadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u iżżomm id-dritt li tagħmel użu mill-miżuri legali kollha fid-disponibbiltà tagħha sabiex tiżgura r-rispett lejn id-dispożizzjonijiet tat-Trattati. | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni, tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Gvern tal-Afrika t'Isfel għall-kooperazzjoni fl-użi paċifiċi tal-enerġija nukleari<br>9729/12 + COR 1 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>ĠUNJU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| **It-3172 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA u AFFARIJIET INTERNI), li saret fil-Lussemburgu fis-7 u t-8 ta' Ġunju 2012**<br><br>2012/299/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2012 dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dwar DNA fl-Estonja<br>9135/12<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill rigward aktar titjib fl-iskambju transkonfinali effiċjenti tal-informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi<br>Informazzjoni<br>10333/12<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-għaxar Rapport Annwali tal-Eurojust<br>10360/12<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità<br>10603/12<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istrateġija l-ġdida tal-UE dwar id-drogi<br>10231/12 REV 1<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Ministri AKP-UE dwar l-istatus tar-Repubblika tas-Sudan t'Isfel relattivament għall-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra<br>10389/12 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>ĠUNJU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| 2012/311/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2012 dwar il-pożizzjoni li għandha tieħu l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat tal-Għajnuna Alimentari fir-rigward tal-estensjoni tal-Konvenzjoni tal-Għajnuna Alimentari tal-1999<br>10118/12 + REV 1 (hu)<br><br>2012/305/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2012 dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 2000 dwar Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Protokoll tal-2001 miegħu<br>5306/10<br><br>Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni bi qbil mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2011/020 ES/Comunidad Valenciana footwear minn Spanja)<br>Proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC10/2012 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2012<br>9918/12<br><br>2012/297/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2012 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Anness XXI (Statistika) għall-Ftehim dwar iż-ŻEE<br>9390/12 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>ĠUNJU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| 2012/425/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward ta' emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet<br>9497/12<br><br>2012/319/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2012 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Protokoll 31 (dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet) u l-Protokoll 37 (li fih il-lista stabbilita fl-Artikolu 101) għall-Ftehim ŻEE<br>9501/12<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Alleanza Globali kontra l-Abbuż Sesswali Online tat-Tfal<br>10607/12 + COR 1<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar użu akbar u aktar effettiv tas-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol (EIS) fil-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali<br>10600/12<br><br>**It-3173 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT) li saret fil-Lussemburgu fil-11 ta' Ġunju**<br><br>Konklużjoni tal-Kunsill dwar Ġestjoni Internazzjonali tas-Sustanzi Kimiċi<br>10765/12 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>ĠUNJU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Iffissar tal-qafas għas-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-UE<br>11186/12<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Diversità Bijoloġika u Bijosigurtà<br>11189/12<br><br>**It-3174 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA u SAJD)<br>li saret fil-Lussemburgu fit-12 ta' Ġunju 2012**<br><br>2012/306/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2012 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Możambik<br>18059/11<br><br>**It-3175 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI u ENERĠIJA) li saret fil-Lussemburgu fil-15 ta' Ġunju 2012**<br><br>Proposta għal trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC13/2012 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2012<br>10862/12<br><br>**It-3176 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA u SAJD)<br>li saret fil-Lussemburgu fit-18 ta' Ġunju 2012**<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni "Produttività u Sostenibbiltà Agrikola"<br>10833/12 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>ĠUNJU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2012 li taħtar nofs il-membri tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u li temenda d-Deċiżjoni tal-24 ta' Ġunju 2010<br>10429/12<br><br>Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 566/2012 tat-18 Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 975/98 dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni<br>8942/12 + COR 1<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Protezzjoni u l-Benessri tal-Annimali<br>10478/12 ADD 1 | |

**Dikjarazzjoni mill-Isvezja appoġġata mid-delegazzjoni Belġjana u dik Awstrijaka**

L-istrateġija dwar il-protezzjoni tal-annimali proposta mill-Kummissjoni tipprovdi opportunità li jiġi adottat approċċ olistiku għal kwistjonijiet dwar il-protezzjoni tal-annimali. L-Isvezja tixtieq tagħti l-appoġġ espliċitu tagħha lil din il-ħidma. Madankollu, ninsabu ddiżappuntati ħafna li l-Kunsill ma setax jaqbel dwar proposta biex titjieb il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, b'mod partikolari peress li – skont ir-rapport tal-Kummissjoni li jikkonċerna r-Regolament dwar il-protezzjoni
tal-annimali matul it-trasport – id-dispożizzjonijiet preżenti mhumiex kompatibbli mas-sejbiet xjentifiċi attwali f'dan il-qasam.
Huwa essenzjali li jkun hemm konformità mar-regoli fis-seħħ u li l-korp tal-leġislazzjoni jkun aġġornat kontinwament skont is-sejbiet tar-riċerka attwali; barra minn hekk, huwa estremament importanti li l-ħinijiet tal-vjaġġi jkunu limitati, b'mod partikolari rigward annimali għat-tbiċċir u annimali mhux miftuma. Fil-każ tal-annimali għat-tbiċċir, l-Isvezja tixtieq li l-ħin tal-vjaġġ ikun limitat għal massimu ta' tmien sigħat.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>ĠUNJU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |

**Dikjarazzjoni mir-Renju Unit**

Ir-Renju Unit jaqbel mal-Kummissjoni tal-UE li l-prijorità numru wieħed hija infurzar aħjar tal-leġislazzjoni eżistenti dwar il-benessri waqt it-trasport, fl-UE kollha. Madankollu, barra minn hekk, huwa jixtieq jara reviżjoni tar-regoli dwar vjaġġi twal biex jittieħed kont tal-evidenza xjentifika eżistenti u emerġenti, inkluża dik sottolinjata mir-rapport riċenti tal-EFSA, b'mod partikolari fir-rigward tat-tnaqqis tal-ħin tal-vjaġġ għal massimu ta' 12-il siegħa għaż-żwiemel li jkunu sejrin għall-qatla.

Nixtiequ wkoll diskussjoni dwar aktar protezzjoni għal bhejjem ta' età żgħira, b'mod partikolari l-għoġġiela, b'kont meħud tal-gwida bil-miktub tal-Kummissjoni stess dwar it-trattament ta' għoġġiela mhux miftuma fi vjaġġi twal u meta jitqiesu l-vjaġġi twal ħafna li xi għoġġiela mhux miftuma jkollhom jagħmlu, li jistgħu jinvolvu ċikli multipli ta' vjaġġi ta' 19-il siegħa.

Aħna nemmnu li huwa importanti li r-regoli għandhom jiġu aġġornati fejn hemm biżżejjed evidenza biex tiġi appoġġata l-bidla. Ninnotaw li r-rapport reċenti tal-EFSA ma jinkludi l-ebda rakkomandazzjoni li tissuġġerixxi li l-ispeċi prinċipali kollha ta' bhejjem li sejrin għall-qatla għandhom jiffaċċjaw l-istess tul massimu ta' vjaġġ fil-każijiet kollha.

**Dikjarazzjoni mid-Danimarka**

L-istrateġija dwar il-protezzjoni tal-annimali proposta mill-Kummissjoni tipprovdi opportunità li jiġi adottat approċċ olistiku għal kwistjonijiet dwar il-protezzjoni tal-annimali. Id-Danimarka tixtieq tagħti l-appoġġ espliċitu tagħha lil din il-ħidma. Madankollu, aħna ddiżappuntati profondament li l-Kunsill ma setax jaqbel fuq proposta li ssaħħaħ il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport - b'mod partikolari minħabba li - skont ir-rapport tal-Kummissjoni dwar ir-Regolament dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport - id-dispożizzjonijiet preżenti huma inkompatibbli mas-sejbiet xjentifiċi attwali f'dan il-qasam.

Huwa essenzjali li jkun hemm konformità mar-regoli fis-seħħ u li l-korp tal-leġislazzjoni jkun aġġornat kontinwament skont is-sejbiet tar-riċerka attwali; barra minn hekk, huwa estremament importanti li l-ħinijiet tal-vjaġġi jkunu limitati, b'mod partikolari rigward annimali għat-tbiċċir u annimali mhux miftuma. Fil-każ tal-annimali għat-tbiċċir, id-Danimarka tixtieq ħin tal-vjaġġ massimu restrittiv.

| ATTI OĦRAJN | Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi |
|---|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Pajjiżi l-Baxxi**<br>Il-gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi jiddispjaċih dwar il-fatt li l-konklużjonijiet tal-Kunsill mhumiex aktar ambizzjużi bħala approċċ Ewropew għall-benessri tal-annimali. Il-Pajjiżi l-Baxxi jixtiequ li kieku raw proposti aktar estensivi fir-rigward tat-trasport, li leġislazzjoni oħra eżistenti tal-UE dwar il-benessri tal-annimali ssir aktar stretta u regoli speċifiċi għal speċijiet u kategoriji speċifiċi ta' annimali.<br>F'dak li huwa trasport, il-Pajjiżi l-Baxxi japprovaw id-dikjarazzjoni tal-Isvezja, li hija appoġġata mill-Belġju, l-Awstrija u d-Danimarka.<br>Il-gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi jappella lill-Kummissjoni Ewropea biex tippreżenta, mal-ewwel opportunità possibbli, proposti li jillimitaw għal massimu ta' tmien sigħat il-ħinijiet tal-vjaġġ għall-annimali għall-qatla.<br>F'termini ta' titjib, approċċ aktar strett u supplimentar ta' leġislazzjoni oħra eżistenti tal-UE, il-Pajjiżi l-Baxxi jappellaw lill-Kummissjoni biex tabbozza rapport ta' evalwazzjoni dwar il-linji gwida dwar il-benessri għall-ħnieżer, l-għoġġiela u t-tjur, segwit minn proposti xierqa biex jiġu emendati l-linji gwida kkonċernati.<br>Fir-rigward ta' regoli speċifiċi għal speċijiet u kategoriji speċifiċi ta' animmali, il-Pajjiżi l-Baxxi jappellaw lill-Kummissjoni biex - f'konformità mal-konklużjoni nru 15 - tqis aktar mill-qrib il-preżentazzjoni ta' miżuri speċifiċi.<br>Il-gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi ser jikkonsulta mal-Parlament Ewropew dwar modi kif tiġi żviluppata strateġija aktar ambizzjuża. | |
| **It-3177 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA u AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR) li saret fil-Lussemburgu fil-21 u t-22 ta' Ġunju 2012** | |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 551/2012 tal-21 ta' Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 7/2010 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali<br>10149/12 | |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 552/2012 tal-21 ta' Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1344/2011 li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli, tas-sajd u industrijali<br>10150/12 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>ĠUNJU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| 2012/408/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (FEG/2012/000 TA 2012 – Għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni)<br>10813/12<br><br>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 541/2012 tal-21 ta' Ġunju 2012 li jtemm ir-reviżjoni interim tal-miżuri antidumping għall-importazzjonijiet tal-furfuraldeid li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u li jirrevoka dawk il-miżuri<br>10395/12<br><br>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 954/2006 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw fil-Kroazja, ir-Rumanija, ir-Russja u l-Ukraina.<br>10307/12<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill – Nirrispondu għall-Isfidi Demografiċi permezz ta' parteċipazzjoni msaħħa fis-suq tax-xogħol u s-soċjetà minn kulħadd<br>10489/12<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar L-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ambjent: teħid ta' deċiżjonijiet, kwalifiki u kompetittività mtejba fil-qasam tal-politika dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima fl-UE<br>8876/12 + REV 2 (hu)<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-impatt tar-reżistenza antimikrobika fis-settur tas-saħħa tal-bniedem u fis-settur veterinarju - perspettiva ta' "Saħħa Waħda"<br>10347/12 + REV 1 (nl) + COR 1 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>ĠUNJU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| **It-3178 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI u FINANZJARJI) li saret fil-Lussemburgu fit-22 ta' Ġunju 2012**<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi)<br>10905/12 + COR 1 (fi)<br><br>2012/375/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2012 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda<br>11071/12<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Suq Uniku għas-servizzi<br>11224/12<br><br>2012/353/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2012 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ tal-viżi<br>10868/12<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tieħu l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli stabbilit bil-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-operat tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili u t-twaqqif tal-Bord ta' Esperti li jeżamina l-kwistjonijiet fl-oqsma li jaqgħu fl-ambitu tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli<br>9656/12 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>ĠUNJU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 dwar l-implimentazzjoni tal-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro<br>11061/12<br><br>2012/369/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju li tirrevoka d-Deċiżjoni 2010/285/UE dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fil-Ġermanja<br>11079/12<br><br>2012/370/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2012 li tirrevoka d-Deċiżjoni 2010/422/UE dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fil-Bulgarija<br>11080/12<br><br>2012/323/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2012 li tneħħi s-sospensjoni ta' impenji mill-Fond tal-Koeżjoni għall-Ungerija<br>10850/12<br><br>**It-3179 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN) li saret fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2012**<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pakkett tal-PEV<br>11845/12<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Asja Ċentrali<br>11857/12 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>ĠUNJU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex jinnegozjaw, f'isem l-Unjoni Ewropea, id-dispożizzjonijiet ta' Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra, li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni Ewropea<br>10812/12<br><br>Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tinnegozja, f'isem l-Istati Membri, id-dispożizzjonijiet ta' Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra, li jaqgħu fil-kompetenzi tal-Istati Membri<br>10814/12<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Parti IV tiegħu dwar kwistjonijiet kummerċjali<br>16374/11 + COR 1 (it)<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (TKA)<br>11816/12<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sirja<br>11800/12<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Eġittu<br>11798/12 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>ĠUNJU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pakistan<br>11719/12<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bosnja-Ħerzegovina<br>11843/12<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija<br>11417/12<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-RDK<br>11795/12<br><br>**It-3180 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI) li saret fil-Lussemburgu fis-26 ta' Ġunju 2012**<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li temenda l-istatus tal-Majott fir-rigward tal-Unjoni Ewropea<br>10998/12<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Turkija dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni<br>10676/12<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport tal-2011 mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE<br>10935/12 + COR 1 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>ĠUNJU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 558 tas-26 ta' Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 102/2012 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw, inter alia, mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina kif estiż għal importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar mibgħutin ikkonsenjati, inter alia, mir-Repubblika tal-Korea, sew jekk iddikjarati bħala li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea sew jekk le<br>10520/12<br><br>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 567/2012 tas-26 ta' Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 917/2011 li jimponi dazju antidumping definittiv u biex jinġabar definittivament id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, billi jżid kumpanija mal-lista ta' produtturi mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina elenkati fl-Anness I<br>10523/12<br><br>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 559/2012 tas-26 ta' Ġunju 2012 li jtemm ir-reviżjoni interim parzjali li tikkonċerna l-miżuri kompensatorji dwar l-importazzjonijiet ta' ċertu tereftalat tal-polietilen (PET) li joriġina, inter alia, mill-Indja<br>10528/12 + COR 1<br><br>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 560/2012 tas-26 ta' Ġunju 2012 li jtemm ir-reviżjoni interim parzjali dwar il-miżuri antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu polietilentereftalat (PET) li joriġina mill-Indja<br>10533/12 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>ĠUNJU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 585/2012 tas-26 ta' Ġunju 2012 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta’ ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Russja u l-Ukraina, wara reviżjoni ta’ skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, u li jtemm il-proċediment ta’ reviżjoni ta’ skadenza dwar l-importazzjonijiet ta’ ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mill-Kroazja<br>10895/12 + COR 1 (it)<br><br>Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 626/2012 tas-26 ta’ Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 349/2012 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu tartariku li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina<br>11196/12<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tlestija tar-reviżjoni tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku<br>10054/12 + COR 1 (de) + ADD 1 + ADD 1 COR 1 + ADD 2<br><br>Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 577/2012 tas-26 ta’ Ġunju 2012 li jaġġusta l-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għar-remunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea<br>10944/12<br><br>2012/430/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2012 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f’isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt EU-EFTA dwar l-adozzjoni ta’ Deċiżjoni li temenda l-Konvenzjoni tal-20 ta’ Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta’ transitu<br>11169/12 + COR 1 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>ĠUNJU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| 2012/431/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2012 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt tal-EU-EFTA dwar l-adozzjoni ta' Deċiżjoni li temenda l-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' transitu<br>11170/12 + COR 1<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Montenegro<br>11900/12 | |